**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

## Laqgħa Nru. *17/2016*

Data: L-Erbgħa 6 t'April 2016

Hin: 6.00p.m.

Post: Sala tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: Is-Sur Christian Sammut - Sindku
Is-Sur Vincent Bonello – Viċi Sindku
Is-Sur Antonello Cuschieri -Kunsillier
Is-Sinjura Carmen Borg – Kunsillier
Is-Sur Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Is-Sur Efrem Buttigieg - Kunsillier

***Karen Camilleri*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skużata minħabba

Assenti: Hadd

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Approvazzjoni tal-Minuti
3. Korrispondenza
4. Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti
5. Skeda ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 16 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Minuti ġew approvati unanimament.**

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** **Laqgħat tas-Saħħa**

Is-Sindku saħaq li huwa ferm importanti li kulħadd jagħti sehmu sabiex dawn il-laqgħat ma jintilfux. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li l-Kunsilliera jiġu mfakkra f'dawn il-laqgħat imqar lejlet il-laqgħa. Il-kunsillier Carmen Borg ġibdet l-attenzjoni li qabel kienu jsiru telefonati mill-istaff jew mill-membri tas-sotto kumitati, lil dawk ir-residenti li kienu wrew ix-xewqa li jattendu għal dawn il-laqgħat.

**2.2** **Nuqqas ta' Aċċess fil-Lift tal-Carpark**

Is-Sindku nfurma lill-membri li MCP ingħataw struzzjonijiet sabiex il-lift jibqa' aċċessibli 24/7. MCP ikkonfermaw li t-timer tal-lift intefa.

**2.3** **Tony Bajada Memorial Tournament**

Is-Sindku nfurma lill-membri li t-Tony Bajada Memorial Tournament sar u kien suċċess. In-Nursery ħadet ħsieb li jsir banner ġdid u materjal ta' reklamar ieħor, liema banner se jibqa jintuża għas-snin li ġejjin.

**2.4** **Installar ta' Bollards sabiex jintużaw għall-għeluq ta' Toroq**

Is-Sindku nfurma lil membri li meta saru l-kalkoli tal-ispejjeż sabiex dawn il-bollards isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill, ħareġ li l-ispejjeż humwa prattikament l-istess u għaldaqstant mhux worth it li x-xogħol isir minn dawn il-ħaddiema.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni tal-membri u nfurmahom li meta kien tkellem mas-Supretendent ta' dak iż-żmien, is-Sur Magri, kien offra li l-Kunsill jagħmel ix-xogħol ta' toqob fit-toroq u l-Pulizija jagħmlu l-bollards.

**2.5** **Ħlas dovut lis-Sur Ray Pellicano**

Il-Kunsill iddiskuta dan il-ħlas u qabel li jittieħed parir legali dwar dan il-ħlas, għaliex bħalma ġie diskuss f'Seduti preċedenti s-Sur Pellicano ma tax servizz komplet lill-Kunsill.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

### 3.1 Proġetti CPPS

Is-Sindku nfurma lill-membri li aktar kmieni ġie nfurmat mis-Sur Emil Vassallo, Kap tal-Iskola Maria Regina, li SportMalta se tagħmel proġett fil-ground tal-iskola u għaldaqstant il-Proġett li kellu ppjanat il-Kunsill għalissa se jkollu jinżamm.

### 3.2 Laqgħa mar-Residenti ta' Triq Lord Byron

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-laqgħa mar-residenti ta' Triq Lord Byron se tinżamm nhar it-Tnejn 25 ta' April fis-7.00p.m. fis-Sala tal-Kunsill.

### 3.3 Pjazza San Pawl

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li hu u sħabu kunsilliera li jirrappreżentaw il-Partit Nazzjonalista reqqsu l-kummenti tagħhom quddiem il-MEPA dwar l-applikazzjoni ta' Pjazza San Pawl.

## 4. Korrispondenza

**4.1** Is-Sindku nfurma lill-membri li rċivejna korrispondenza mingħand is-Sur Juheng Chen li huwa Ċiniż li jgħix Malta. Is-Sur Chen għen Kunsilli Lokali oħra, bħal Santa Luċija, sabiex sar ġemellaġġ ma' bliet fiċ-Ċina. Is-Sur Chen tkellem ma' Muniċipalitajiet Ċiniżi u wrew ix-xewqa li jagħmlu ġemellaġġ mal-Kunsill tal-Ħamrun. Is-Sindku spjega li ġie offrut li delegazzjoni mill-Kunsill titla ċ-Ċina u wara jiġu huma. L-idea hi li jsir mużew tat-Teknoloġija, iżda jeħtieġ li nsibu post fejn dan jista' jsir.

Is-Sindku propona li l-Kunsill jiddiskuti din il-proposta tal-Kumpanija Benna sabiex l-istore tal-ferrovija jiġi rrestawrat permezz ta' fondi għar-restawr, fejn isir mużew dwar it-Transport tal-Ferrovija u l-Mużew tat-Teknoloġija. Dan is-sit huwa sit kbir ħafna li jista' jakkomoda dan il-proġett.

Is-Sindku spjega li dan il-proġett iġib miegħu tkabbir fis-settur turistiku.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li tiġi evalwata l-possibilta' li tintuża area mill-iskola Maria Assunta jew l-Iskola Primarja għal dan il-proġett.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qabel ma' din il-proposta għaliex jidher li dan il-proġett għandu potenzjal.

Il-Kunsill approva li jinbeda l-proċess ta' diskussjoni mal-Belt ta' Jinjaing fiċ-Ċina.

### 4.2 Talbiet għall-Kumpens

Il-Kunsill evalwa dawn it-talbiet imressqa u qabel li jiddiskuti mal-Insurance.

**4.3**

**Stephen Ferrante – Talba għal xogħlijiet ta' ħofor għall-arbli**

Is-Sur Stephen Ferrante, f'isem l-Għaqda Armar San Gejtanu qed jitlob li jsir xogħol ta' tappieri sabiex jiżdiedu l-arbli tal-festa tul Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir bil-permessi meħtieġa ta' Transport Malta, minħabba s-servizzi li jistgħu ikun għaddejjin minn fuq il-bankini.

4.4 **Healthy Living Week**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat korrispondenza li ntbagħtet mill-Iskola Primarja San Ġorġ Preca fejn offrew lill-Kunsill jorganizza attivita bit-tema Healthy Living.

Il-Kunsill approva li jipparteċipa f'din l-attivita' u joħroġ is-somma ta' € 200 sabiex ikun possibli jinxtara l-materjal li se jintuża għall-attivita'.

## 5. Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti

### 5.1 Jum il-Ħamrun

Is-Sindku nfurma lill-membri li wasal iż-żmien li jinħarġu r-Regolamenti għan-nomini ta' Ġieħ il-Ħamrun. Dawn ir-regolamenti għandhom jitqassmu lill-għaqdiet u jittellgħu fuq il-paġna ta' Facebook.

Is-Sindku nfurma li bħal kull sena tinżamm il-Quddiesa ta' Ringrazzjament. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din is-sena jmiss li tinżamm fil-Knisja ta' San Franġisk.

Is-Sindku nfurma li bħal kull sena se tiġi organizzata s-Serata ta' Għoti ta' Rikonoxximenti u wara jinżamm Drink għal dawk preżenti.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li tkellmet mal-Għaqda Poeti Maltin u qed jitfassal il-Programm tas-Serata Letterarja.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li l-Greenfields qed jagħmlu studju għall-kitba tad-diski l-ġodda, sabiex tiddaħħal il-Parroċċa tal-Kunċizzjoni fil-lirika tad-diska. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li l-lirika tad-diski se titressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill malli jkunu lesti.

Is-Sindku ssuġġerixxa li jiddaħħal sketch u anke biċċa mużika minn xi bandist tal-post.

Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi organizzata attivita' mit-tfal għat-tfal fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħamrun.

### 5.2 Ħaddiema ETC

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-ħaddiema ngaġġati mill-ETC issa ġew full time u qed issir pressjoni sabiex jagħtu input akbar fix-xogħol li għandna. Wieħed mill-ħaddiema huwa tajjeb fit-tikħil u tibjid tal-ħitan u fil-ġimgħat li ġejjin se jkun qed jagħmel xogħol fuq il-ħitan tal-iSkola Maria Reġina u l-iskola primarja ta' Triq l-Iskola. Dan ix-xogħol se jsir sabiex tingħata dehra aħjar lit-toroq tal-lokalita'.

**5.3** **Triq Atocia**

Is-Sindku nfurma lill-membri li Transport Malta approva li Triq Atocia ssir 'No Entry except Access to residents Only' bi prova għal xahar u tissebbaħ il-pjazza ta' quddiem il-Kappella.

**5.4** **Laqgħa dwar il-Kiosks Festa Kunċizzjoni**

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-laqgħa mas-sidien tal-kiosks li jarmaw waqt il-Festa tal-Kunċizzjoni se tinżamm it-Tnejn 18 ta' April fis-6.00p.m.

# 6. Hwejjeġ Oħra

**6.1** Ilmenti mill-Kunsillier Efrem Buttiġieġ

a) Bosta residenti qed jilmentaw dwar il-ħmieġ tal-ħamiem madwar il-lokalita'. Ir-residenti lmentaw ukoll li hemm min qed jitmahom. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li jitwaħħlu aktar tabelli sabiex ma jiġix mitmuh il-ħamiem.
b) 9, Triq Kamelja – Inspection box imkissra quddiem din ir-residenza. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li jekk din l-inspection box hija tad-drenaġġ, huwa s-sid li jrid jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa.
c) Triq San Gejtanu k/m Triq Farsons – inspection box imkissra u perikoluza. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-ħsarat ilha ġranet tiġi rrapurtata lill-Kumpanija GO.
d) Triq Farsons - Fil-passat kien hemm żewġ u-bars quddiem grocer li kienu nqalgħu meta sar ix-xogħol ta' tarmac u qatt ma reġgħu tpoġġew lura.
e) Joshua Bajjada, residenti fi Block A Triq San Ġorġ Preca għandu t-tifel b'dizabilita' severa u qed jitlob li ssir rampa fit-taraġ tal-entrata. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ma jistax jidħol fi propjeta' privata. Għaldaqstant, is-Sur Bajada għandu jagħmel talba formali lill-Kurja sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.
f) Residenti minn Sqaq il-Qasab qed jilmentaw li qed isir parking illegali fl-entratura tal-isqaq bil-konsegwenza li mhux jitħalla aċċess liberu għall-garaxxijiet. Barra minhekk qed issir talba sabiex issir mera faċċata tal-isqaq sabiex ikun possibli li s-sewwieqa li jkunu ħerġin mill-isqaq ikollhom aktar vision tal-vetturi li jkunu ġejjin minn Triq il-Kbira San Ġużepp.
g) Residenti bulgari li jgħixu 'Lorelett' Triq Schembri qed iżommu l-btieħi tagħhom kollha ħmieġ. Minkejja li rrapurtaw lis-Sanita', xorta ma ttieħdux passi.
h) Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li jkollu nformazzjoni dwar il-problema li qed jaffaċċja Dario Mifsud Bonnici, minħabba l-bozza. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntrattur kellu jmur jivverifika x'hemm eżatt, għaliex mhux normali li minħabba bozza ma jkunx hemm internet, meta tqis li l-linji huma kompletament differenti.
i) Il-bozza li ilha tiġi rrapurtata fi Triq Nazzarenu baqgħet maqtugħa.

**6.2 Ilmenti mill-Kunsillier Antonello Cuschieri**

a) Charles Bartolo lmenta dwar il-ħruġ ta' permessi ta' Cranes/High Ups fil-Ħdud u l-Festi. Huwa mportanti li l-istaff joqgħod attent kif jinħarġu l-permessi.

b) Proġett ta' Civic Centre fil-pjazza tal-Kunsill, għaliex ir-residenti għandhom dritt ikn jafu xi proġett se jsir eżatt. Is-Sindku spjega li r-residenti li jixtiequ joġġezzjonaw għandhom dritt iressqu l-objections tagħhom. Il-Viċi Sindku spjega li l-Kunsill ippreżenta l-pjanti tal-proġett fil-fażi primarja tiegħu, meta ġie inawgurat Ġnien Anton Buttiġieġ, iżda minn dakinhar 'l hawn il-Kunsill ma ġiex infurmat bl-iżviluppi li saru.

c) Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li tiżdied is-sigurta fil-lokalita'. Fil-fatt matul il-ġimgħa ttellgħu ritratti ta' anzjana li ġiet imsawwta minn xi żgħażagħ, fi Triq San Vincenz u ritratti ta' seringi fi Triq Mimosa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li hi kkuntattjat lil persuna li għamlet l-allegazzjoni tal-anzjana msawwta u ħeġġietha tagħmel rapport lill-Pulizija u jekk ikun hemm ħtieġa, l-istess Pulizija jiġu jivverifikaw minn għadda minn dawn l-inħawi mis-CCTV Cameras tal-Kunsill, iżda jidher li din kienet xejn aktar sensazzjonaliżmu għaliex la sar rapport lill-Pulizija u wisq aktar avviċinaw lill-Kunsill biex jiċċekkjaw il-cameras. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri saħaq li huwa importanti li ssir pressjoni mal-Pulizija sabiex issir aktar foot patrol madwar il-lokalita'.

**6.3 Ilmenti mill-Kunsillier Jurgen Carl Grixti**

a) Triq San Gejtanu – sar xogħol ta' servizz privat u tħalliet pjanċa fuq il-kanal li nfetaħ. Huwa mportanti li ssir il-manutenzjoni meħtieġa u din il-pjanċa titneħħa.

**6.4 Informazzjoni Oħra**

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li l-Kors Għaqal fid-Dar spiċċa. Dan il-kors kien suċċess, bl-akbar parteċipazzjoni tkun ta' qrib is-70 parteċipant.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li nhar il-Ħadd, 10 t'April se tinżamm Ħarġa fl-okkażjoni tal-Għid il-Kbir.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li l-applikazzjonijiet għan-nomini Qalb San Ġorġ Preca ntbagħtu lill-għaqdiet u l-iskejjel tal-lokalita'. Hija ħeġġet lill-membri sabiex imexxu l-kelma u jekk jafu xi persuni li jistgħu ikunu parti mill-Ġurija javviċinawhom.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**7.1** Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva din l-iskeda ta' Ħlasijiet.

## 8. Aġġornament.

**8.1** Il-laqgħa ntemmet fid-9.00p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 4 ta' Mejju 2016.

________________________
Christian Sammut
*Sindku*

________________________
Karen Camilleri
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: